# Dawl Ġdid fuq il-Kwadru Titulari

## *Skoperta interessanti mir-riċerka tiegħi dwar Ħal Kirkop*

Kenneth Cassar B.A. (Hons.) History of Art

L-imħabba tiegħi għall-arti u d-devozzjoni li għandi lejn San Leonardu minn dejjem qanqlu fija kurżità sabiex insir naf min kien l-id wara l-kwadru Titulari ta' San Leonardu fil-Parroċċa ta' Ħal-Kirkop. B'xorti tajba l-kwadru hu ddatat għas-sena 1751 li tidher b'mod ċar fuq il-lemin fil-kantuniera t'isfel maġenb l-arma ta' l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan li fi żmienu sar dan il-kwadru. Id-data kienet punt tat-tluq important ħafna fir-riċerka tiegħi.

Sa minn dejjem intqal u nkiteb illi dan il-kwadru kien xogħol ta' xi aljiev ta' Mattia Preti, madanakollu jekk wieħed jistudja l-kwadru ftit sew jintebaħ illi stilistikament ftit li xejn hemm x'jorbtu ma' Preti. Fuq kollox id-data 1751 hi tardiva wisq biex nattribwixxu kwadru lil bottega tal-Preti meta nafu li l-bottega ta' l-artist baqgħet kompatta u attiva' biss għal ftit snin wara l-mewt ta' Preti li seħħet f'Jannar ta' l-1699.[1] Hawn kompliet tikber il-kurżita' tiegħi u kien għalhekk li għaddejt għar-riċerka fl-arkivji.



*Id-data 1751 u l-arma ta' Isqof Alpheran de Busan, dettal, Rocco Buhagiar, San Leonardu, żejt fuq tila, 1751, Parroċċa ta' San Leonardu.*

Fost l-ispejjeż tal-festa ta' 1751 imniżżla fil-*Veneranda Lampade* insibu li tħallsu 7 tarì għall-ġarr tal-kwadru titulari l-ġdid. Ir-referenza tgħid hekk: "*Piu tari sette della portatura del quadro nuovo di Io. Santo Leonardo Titolare*".[2] Din kienet l-unika referenza dwar il-kwadru għas-sena 1751 u għalkemm ma tagħti l-ebda ndikazzjoni ta' min pitter il-kwadru, tikkonferma li sal-festa ta' l-1751 il-kwadru kien lest u nġab f'Ħal-Kirkop. Kien biss fil-kontijiet ta' l-1758 li nsibu min kien l-artist. Fil- 15 t'April ta' 1758, il-prokuratur il-ġdid tal-parroċċa ta' Ħal-Kirkop, Giuseppe Pace, iniżżel li ħallas 23 skud u 4 tarì bħala l-aħħar pagament tal-kwadru ta' San Leonardu lil Maestro Rocco pittore:

*"Adi 15 Aprile 1758, Ho speso scudi venti tre tari 4 compimento del Quadro di S.Leonardo dato a Maestro Rocco pittore ...data la sentenza nella Gran Corte Vescovale."*[3]

Referenza ċara u importanti li flimkien ma' studju stilistiku tal-kwadru tindika bla ebda dubju li l-kwadru titulari ta' San Leonardu hu xogħol Rocco Buhagiar (1723-1805). Kien diffiċli ferm li tagħmel attribuzzjoni fuq bażi purament stilistika, dan għaliex kif ser naraw, dan hu kwadru bikri meta l-artist kien għadu ma żviluppax bis-sħiħ il-karatteristiċi pittoriċi li jiddistingwuh. Għaldaqstant kellhom ikunu l-arkivji li jiddeterminaw min kien l-artist wara dan il-kwadru.

Iżda min kien Rocco Buhagiar?[4] Bin Orazio u Giuseppa née De Barro, Rocco Buhagiar twieled Bormla fl-4 ta' Ġunju 1723.[5] Għalkemm il-ġenerazzjoni tiegħu ma pproduċietx artisti kbar, Rocco Buhagiar kien l-aktar pittur importanti f'Malta tal-ġenerazzjoni tiegħu. Wara l-mewt ta' Francesco Zahra fl-1773, Buhagiar stabilixxa ruħu bħala l-pittur ewlieni

ta' l-arti reliġjuża biex fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet kien prolifiku ħafna tant li ddomina x-xena fil-knejjes Maltin. Madanakollu ma jfissirx li kien xi artist kbir, l-artist ma kellux saħħa inventiva kbira u xogħolu għandu tendenza li jkun repetittiv, tant illi ħafna mix-xogħolijiet tiegħu huma ġabra ta' figuri mislufa minn prints li kienu jaslu Malta ta' xogħol famuż ta' Guido Reni, Carlo Maratti u l-klassiċisti l-kbar tal-Barokk.[6] Fost il-karatteristiċi l-aktar tipiċi tal-pittura matura tiegħu, wieħed isib skema kromatika ċara ħafna, b'kuluri kemmxejn vibranti. L-akbar kontribuzzjoni tiegħu għall-arti Maltija tas-seklu tmintax hi d-distakk fl-istil u t-temperament mix-xogħlijiet tal-ġenerazzjoni ta' qablu. L-eżuberanza u t-teatralità Barokka ta' Francesco Zahra inbidlu f'atmosfera aktar kalma li taqbel mar-reazzjoni kontinentali kontra l-Barokk bombastiku, madanakollu l-arti ta' Rocco Buhagiar ma waslet qatt viċin in-Neo-Klassiċiżmu.[7]



*Rocco Buhagiar, San Leonardu, żejt fuq tila, 1751, Parroċċa ta' San Leonardu, Kirkop.*

## Il-Kwadru ta' San Leonardu

Il-kwadru Titulari ta' Ħal-Kirkop aktar milli importanza kwalitativà, jassumi importanza storika ferm ikbar u dan għaliex ftit li xejn nafu dwar il-perijodu bikri ta' Rocco Buhagiar. San Leonardu hu mdawwar bl-ikonografija tradizzjonali tiegħu, l-ilbies abjad u iswed, il-baklu, il-mitra, il-ktieb u l-ikkalzrat li qed jippreżenta l-ktajjen tal-jasar. Tipiku ta' ħafna xogħolijiet bikrin ta' kwalunkwe artist, din il-pittura mhix waħda ta' livell għoli, madanakollu tinkorpora fiha passaġġi feliċi bħal ngħidu aħna l-puttini fil-kantuniera ta' fuq lejn ix-xellug, u l-anġlu li qed iżomm il-mitra fuq il-lemin.

Fl-istudju dwar Rocco Buhagiar dan il-kwadru hu ferm interessanti għaliex ftit li xejn hemm kwadri li jistgħu definittivament jiġu attribwiti lil Buhagiar qabel l-aħħar tas-sittinijiet. Teżisti t-tradizzjoni illi l-kwadru ta' l-1746 tal-Madonna ta' Porto Salvo fil-kappella Ta' Santuzzu l-Ħamrun huwa tiegħu, madanakollu m'hemm l-ebda dokument li jista' jsaħħaħ din l-attribuzzjoni.[8] Sa ftit ilu l-ewwel dokument ċar għal Buhagiar bħala pittur jiddata għall-1752 meta tħallas 30 skud għall-pittura tal-Baldakkin, illum mitluf, għall-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi, u l-eqdem kwadru dokumentat li għadna nistgħu ngawdu llum kien dak tal-Madonna tar-Rużarju ddatat għall-1767 fil-parroċċa tax-Xagħra.[9] Permezz ta' din l-iskoperta l-kwadru titulari ta' San Leonardu ta' l-1751 fil-parroċċa ta' Ħal-Kirkop sar, bħalissa, l-eqdem kwadru eżistenti dokumentat ta' Rocco Buhagiar.

Ir-riċerka dwar dan il-kwadru tefgħet dawl ġdid ukoll fuq il-karriera ta' Rocco Buhagiar. Anki jekk mhux dokumentat, hemm raġunijiet validi biżżejjed biex jiġi propost li l-artist għamel xi perijodu ta' taħriġ Ruma.[10] Wara li twieled, isem Rocco Buhagiar jidher ma' l-abitanti ta' *Casa 70, Strada del Crocifisso* f'Bormla fil-listi ta' l-*Istatus Animarum* ta' l-1730, l-1740 u l-



*Rocco Buhagiar hekk kif pinġih Giuseppe Calleja madwar 50 sena wara mewtu. Ippubblikat f' L-Arte, Anno III, Nro64, Venerdi 7 Luglio 1865.*



*Il-puttini, dettal, Rocco Buhagiar, San Leonardu żejt fuq tila, 1751, Parroċċa ta' San Leonardu, Kirkop.*



*L-anġlu tal-mitra, dettal, Rocco Buhagiar, San Leonardu, żejt fuq tila, 1751, Parroċċa ta' San Leonardu, Kirkop.*

1743 iżda mhux f'dik li jmiss ta' l-1748.[11] Buhagiar jgħib mid-dokumenti Bormliżi biex jerġa' jitfaċċa fl-*Istatus Animarum* tal-parroċċa ta' Porto Salvo l-Belt Valletta, fejn hu ddokumentat li għex waħdu f' 10 Strada Mezza (Br. Destro) fil-listi ta' l-1752, l-1754 u l-1755 iżda mhux f'dik ta' l-1756.[12] Isem Rocco Buhagiar jgħib għal kollox sa l-1761 meta hu ddokumentat jiddisinja cappella ardente ta' l-injam għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.[13] In-nuqqas ta' referenzi fid-dokumenti mill-1756 sa l-1761 wassal għall-proposta illi kien propju f'dan il-perijodu li Buhagiar mar jitħarreġ Ruma,[14] madanakollu l-fatt li fl-1758 l-artist hu ddokumentat jirċievi l-aħħar pagament għall-kwadru ta' Ħal-Kirkop ser iwassal għal reviżjoni ta' din il-proposta.

Ta' 80 sena Buhagiar kien qiegħed jgħix fi stat ta' faqar mal-patrijiet Tereżjani ġewwa Bormla, tant illi wara li kiteb lill-Gvernatur Alexander Ball, fid-9 ta' Mejju 1804 irnexxielu jakkwista pensjoni ta' 20 skud.[15] Miet fl-10 ta' Lulju ta' l-1805 fejn ġie midfun fil-knisja ta' l-istess patrijiet.[16]

Din l-iskoperta hi waħda importanti mhux biss għalina l-Koppin, dan għaliex din tassumi interess nazzjonali fid-dawl tal-kontribut ta' Rocco Buhagiar fl-istorja ta' l-arti Maltija.

**Bibliografija**


Kirkop Parish Archives, Libro esigenziale della Ven Lampade di Casal Chircop dal primo Gennaro 1736 sino 1752

Kirkop Parish Archives, Libro esigenziale della Ven Lampade di Casal Chircop dal primo Giugno 1752 sino il 1759

Buhagiar M., The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 - Painting, Progress Press, 1987

Sciberras K., Rocco Buhagiar and Late 18th Century Painting in Malta, unpublished MA Thesis, University of Malta, 1995

Sciberras K., L-Arti Barokka F'Malta, Kullana Kulturali Vol.50, Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2003


1 K. Sciberras, 2003, pp.59-60

2 KPA, Libro esigenziale della Ven Lampade di Casal Chircop dal primo Gennaro 1736 sino 1752, p.150

3 KPA, Libro esigenziale della Ven Lampade di Casal Chircop dal primo Giugno 1752 sino il 1759, f.113r

4 Fuq Rocco Buhagiar ara: M. Buhagiar, 1987, pp.155-156; K. Sciberras, 1995; K.Sciberras, 2003, pp.143-150

5 CPA, Baptiz (1707-23) Lib.4, f.212r, in, K. Sciberras, 1995, p.21

[6] K.Sciberras, 2003, p.143
[7] K.Sciberras, 1995, p.40; K.Sciberras, 2003, p.143
[8] K.Sciberras, 1995, pp.43-46, K.Sciberras, 2003, p.146
[9] K.Sciberras, 1995, p.44
[10] Fuq din il-proposta ara: M.Buhagiar, 1987, pp. 155-156, K.Sciberras, 1995,pp.13-19
[11] K. Sciberras, 1995, pp.21-24
[12] K. Sciberras, 1995, p.24
[13] K.Sciberras, 1995, p.16
[14] K.Sciberras, 1995, p.16
[15] K.Sciberras, 1995, pp.25-26
[16] K.Sciberras, 1995, p.26